# F'San Ġiljan (1911-1920)

## Popolazzjoni, Bini u Xogħol (I)

*Winston L. Zammit*
*B.A. (Hons.), P.G.C.E, M.A.*

Skont iċ-ċensiment li sar f'April 1911, il-popolazzjoni ċivili ta' San Ġiljan (mhux inkluż il-gwarniġjon Ingliż) kienet ta' 2164 persuna mqassma hekk: 1,053 irġiel u 1111 nisa. Dan juri żieda ta' 720 ruħ fuq iċ-ċensiment li kien sar fl-1901. Din iċ-ċifra turi li r-raħal marittimu ta' San Ġiljan kien qiegħed jikber bil-mod[1].

**Bini**

L-istess ċensiment (1911) jagħtina tagħrif dettaljat dwar il-bini li kien hemm f'San Ġiljan f'dik is-sena (1911):

| Sena | Abitat | Mhux Abitat | Total |
|---|---|---|---|
| **1901** | 352 | 333 | 685 |
| **1911** | 535 | 347 | 887 |



*Ritratt antik ta' xatt il-baħar ta' San Ġiljan u l-Bajja Spinola. Jfakkarna għalfejn il-motto tal-lokalità huwa 'Litoris Aquas Sinuato Margine Cingo' jew 'Fi ħdan l-art imdawwra bl-ilmijiet tax-xatt'.*

Dawn iċ-ċifri juru li f'għaxar snin (1901-1911) kien żdied il-bini f'San Ġiljan. Il-fatt li ċ-ċensiment sar f'April u mhux fis-sajf juri wkoll li f'San Ġiljan kien hemm ħafna bini li kien jintuża biss bħala villeġġjatura fis-sajf, għalhekk kien hemm ħafna bini mhux abitat[2].

**Il-Bini Abitat**

B'kollox kien hemm 535 binja li kienu abitati. Minn dawn erbatax kienu binjiet partikolari, li kienu kunventi jew monasteri, sptar (Forrest Hospital f'Palazz Spinola) u l-*barracks* f'Pembroke u St. Andrew's.

Il-bqija tal-bini abitat u mhux abitat kien jinqasam hekk[3]:

| | Abitat | Mhux Abitat |
|---|---|---|
| **Djar** | 349 | 296 |
| **Kerrejja** | 0 | 0 |
| **Kmamar** | 15 | 7 |
| **Lukandi u Djar t'Alloġġ** | 0 | 0 |
| **Rziezet u *Pen Houses*** | 61 | 2 |
| **Imħażen, Ħwienet u Uffiċini** | 29 | 9 |
| **Remissi u Stalel** | 66 | 32 |
| ***Mills* u *Engine House*** | 1 | 1 |
| **Total** | 521 | 347 |

Ħarsa lejn din l-istatistika turina li fl-1911 f'San Ġiljan ma kien hemm l-ebda lukanda jew dar t'alloġġ. Iżda nafu li bejn l-1903 u l-1907 f'San Ġiljan kien hemm żgur tliet lukandi[4]. Dan ifisser li dawn kienu għalqu sa April 1911.



*Ritratt ieħor antik tal-Bajja Spinola*

L-istess statistika turina wkoll li l-biedja kienet attività importanti fil-kampanja, dak iż-żmien estiża, ta' San Ġiljan fejn insibu li kien hemm 63 bejn irziezet u *pen houses*. Mill-istess ċensiment nafu li fl-1911, f'San Ġiljan kien hemm 91 persuna kklassifikati bħala

*"Farmers and Cultivators of Land"*, li minnhom 77 kienu irġiel u 14 nisa. F'San Ġiljan kien hemm ukoll residenti erbatax-il sajjied[5].

**Ix-Xogħol tal-Ġiljaniżi**

Iżda minbarra l-bdiewa u sajjieda, f'San Ġijan kien hemm bħala residenti nies b'xogħol ieħor li kienu dawn li ġejjin:

| | |
|---|---|
| **Saċerdoti, Djakni u Suddjakni** | 7 |
| **Sorijiet** | 27 |
| **Tobba** | 2 |
| **Spiżjara** | 1 |
| **Dentist** | 1 |
| **Negozjanti** | 6 |
| **Bejjiegħa tal-Ħut** | 1 |
| **Mastrudaxxi u xogħol marbut magħhom** | 12 |
| **Skrapan** | 13 |
| **Bejjiegħa tal-ħalib** | 28 |
| **Furnara** | 4 |
| **Tallaba** | 1 |
| **Għalliema** | 8 |
| **Bejjiegħa tal-Ħwienet tal-Merċa** | 12 |
| **Bennejja** | 19 |
| **Ħajjata** | 26 (11 irġiel, 15 nisa) |
| **Bejjiegħa tal-Ħaxix u Frott** | 8 |
| **Servizz fi ħwienet** | 55 |
| **Benestanti** | 31 |

Il-preżenza ta' 28 bejjiegħa tal-ħalib, hija indikazzjoni li fil-kampanja ta' San Ġiljan kien hemm min kellu merħla mogħoż għall-bejgħ tal-ħalib[6].


**Referenzi**

1 *Census of the Maltese Islands* 2.IV.1911 (Malta 1912) Table IX, p. 20; Table XXII, p. 37.
2 Ibid., Table V, p. 4, 5.
3 Ibid., Table IV.
4 Cfr: *The Daily Malta Chronicle* 2.IV.1903, 19.I.1907, 26.IV.1907.
5 Census, Op. Cit. Table V, p.4; Table XXVI, pp. 64, 68.
6 Ibid., Table XXVI, pp. 54, 55, 56, 60, 64, 68.